TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Mary Anne Spiteri

vs

Dr. Marion Farrugia

CCT G12/24/ MS

20 ta' Novembru 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Awwissu 2024, fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimata tirrifondilha s-somma ta' hames mitt euro (€500.00), depozitu imhallas minnha ghal process 'Invisalign' ghal braces tas-snien tat-tifla taghha, liema process ma tkompliex wara li r-rikorrenti saret taf illi kien hemm bzonn li jinqalghu erba' sinniet tajbin minn halq it-tifla.

Ra illi l-intimata, debitament notifikata, m'ghamlitx risposta izda dejjem dehret quddiem dan it-Tribunal u xehdet f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi illi fit-8 ta' Jannar 2024, ir-rikorrenti hadet it-tifla taghha Samantha Spiteri ghand id-dentista taghha Dr. Marion Farrugia. Din ma kenitx l-ewwel darba illi t-tifla taghha (li dak iz-zmien kellha sbatax -il sena) kienet marret ghandha u fil-passat kienet anke ghamlet xi *fillings* ghandha u dejjem hallsitha ghas-servizzi taghha.

F'dik l-okkazjoni - u cioe' fit-8 ta' Jannar, uriet ix-xewqa illi taghmel braces ghat-tifla, peress li ma kellhiex snienha dritti. Ir-rikorrenti ghazlet li taghmel l-Invisalign u hallset depozitu ta' hames mitt euro dakinhar stess. Qalet li l-intimata qaltilha li ha tistudja l-kaz u aktar tard tibghat ghalihom.

Wara xahar, meta baqghet ma semghet xejn cemplet lill-intimata li talbitha tmur flimkien mat-tifla sal-klinika taghha. Meta marret, dakinhar qalitilha li kien hemm bzonn li jinqalghu erba' sinniet minn halq it-tifla, u din kienet l-ewwel darba li kienet qaltilha b'dan id-diskors. Ir-rikorrent tghid li lanqas biss tatha *option* ohra ghal braces li jistghu jsiru minghajr il-bzonn li jinqalghu s-snien.

Ir-rikorrenti qalitlha li xtaqet tahsibha ftit, u l-intimata qaltilha illi kellha tlett xhur cans biex tahsibha u jekk mhix ser tkompli bil-process kienet ser titlef id-depozitu. Dakinhar stess, wara li tkellmet mar-ragel, ir-rikorrenti cempiltilha u qaltilha li ma kenitx ser tkompli bil-process. Ir-rikorrenti qalet illi sa dakinhar kullma kienet ghamlet l-intimata kien *diagram* ta' halq it-tifla, li zgur ma kienx jammonta ghal hames mitt euro u kulma riedet hi, kienet id-differenza fil-flus, pero' l-intimata baqghet tirrifjuta tirrifondilha d-depozitu jew parti minnha.

Illi xehdet ukoll Dr. Marion Farrugia li qalet illi l-ewwel darba li kienet giet ghandha t-tifla ţar-rikorrenti, Samantha Spiteri, kien f'Ottubru 2023 u kull darba kienet tigi ma' ommha. Qalet ukoll illi f'Dicembru 2023 ibbukjat biex tigi biex jiddiskutu l-procedura ta' invisalign u ghahekk kellhom xahar shih biex jiddeciedu jekk iridux jaghmlu dan il-proces. Kienu jafu l-prezz - €3,500.00 u kienu jafu wkoll dwar it-treatment plan. Qalet ukoll illi f'kaz ta' Samantha kien hemm bzonn li taqla' xi snien u kienet qaltihom dan mill-bidu nett, pero' ma kenitx qaltilhom liema snien kellhom bzonn jinqalghu. Fit-8 ta' Jannar, ittiehed ritratt (digital scan) ta' halq tat-tifla. L-intimata qalet illi damet xahar biex tkellimhom lura peress illi kienet qed tahdem fuq it-treatment plan u meta lestietu qaltilhom biex jigu jarawh. L-intimata tghid illi t-tifla kienet kuntenta, pero' l-omm xtaqet tistenna sakemm it-tifla taghmel l-ezamijiet, sakemm imbaghad iddecidiet li ma tkomplix bil-procedura.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-kaz, it-Tribunal jinnota li hemm nuqqas ta' provi dokumentarji, u cioe' ma hemm l-ebda formola ta' kunsens bil-miktub u/ jew ftehim dwar it-trattament li tispjega b'mod ċar il-process kollu kif ukoll il-modalita' tal-pagament u t-termini tad-depożitu. Huwa dejjem rakkomandat li kollox jiġi dokumentat bil-miktub, billi dan jipproteġi kemm lill-pazjent (f'dan il-kaz ir-rikorrenti u t-tifla taghha) kif ukoll lill-professjonist (l-intimata).

Illi, ma hemmx dubju illi fit-8 ta' Jannar 2024 sar depozitu sabiex tibda l-procedura Invisalign u xi xahar wara, u allura fi Frar/Marzu, ir-rikorrenti u t-tifla taghha marru ghand id-dentista biex jiddiskutu kif kienu ha jipprocedu.

Illi t-Tribunal huwa lest li jemmen illi fit-8 ta'Jannar 2024, id-dentista kienet qaltilhom illi jista' ikun hemm bzonn li jinqalghu sinna jew tnejn, pero' huwa daqstant sodisfatt illi sa

dakinhar, u cioe' sa' Frar jew Marzu 2024, ir-rikorrenti kienet ghadha ma tafx illi ser ikun hemm bzonn jinqalghu erba' sinniet u liema sinniet kienu ser jitnehhew. It-Tribunal, ghalhekk ihoss, illi l-process seta' kien ftit mghaggel u kien prematur ghall-pagamenti 'non refundable' .

Fil-fatt mid-dokument esebit (align Technology invoice), jidher illi l-*cancellation fee invoice* huwa datat 29 ta' Lulju 2024 - erba' jew hames xhur wara li r-rikorrenti tghid illi kkancellat il-process. Dan bl-ebda mod ma gie kontradett mill-intimata u t-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex dan inhareg f'Lulju meta l-process gie diga' kancellat mir-rikorrenti almenu sa Marzu 2024.

Illi, b'danakollu, jibqa' l-fatt illi dan id-dokument huwa biss 'invoice' u ma hemmx prova illi l-ammont ta' mitejn u hamsin euro effettivament thallas mill-intimata. Ma gie esebit l-edba ircevuta u l-*'payment amount'* ghadu vojt. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi dan l-invoice jista' jigi kkunsidrat bhala prova ta' hlas.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ihoss illi pazjenti għandhom jingħataw biżżejjed ħin u informazzjoni biex jieħdu deċiżjoni infurmata dwar trattamenti u kollox ghandu jkun bil-miktub, biex jigi evitat kwalunkwe dubju. Apparti l-fatt li pazjenti għandhom ikollhom biżżejjed informazzjoni u ħin biex jieħdu deċiżjoni infurmata, jekk depożitu mhuwiex rifondibbli, dan għandu jkun spjegat ċar u bil-miktub.

Madankollu, f'dan il-kaz, it-Tribunal jidhirlu li d-dentista hija wkoll intitolata għal kumpens għall-ħin u r-riżorsi li hija użat (eż., scans diġitali, ippjanar tat-trattament).

Illi ghalhekk, wara li qies ic-cirkostazi ta' dan ił-kaz ihoss illi r-rikorrent ghandha tircievi rimbors fl-ammont ta' tlett mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimata thallasha l-ammont ta' tlett mitt euro (€300.00). Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru